MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2004

Appell Civili Numru. 775/2002/1

**Dr. Albert Caruana**

**vs**

**Gino Cauchi**

**Il-Qorti,**

Fil-25 ta’ Settembru, 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat it-23 ta’ Dicembru tas-sena 2002 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m’ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi prevja dikjarazzjoni ta’ din il-qorti illi l-parti traskritta, (Dok. A), tal-ahbarijiet ta’ “Super One Radio”, li tieghu l-konvenut hu editur registrat, imxandra fid-9 ta’ Dicembru, tas-sena 2002, fis-5.45p.m. hija libelluza u malafamanti fil-konfront tal-attur u tesponih ghad-disprezz tal-pubbliku;

2. Illi jhallas lill-attur dik is-somma li tiffissa din il-qorti bhala danni ghall-malafama b’applikazzjoni tal-Art. 28 tal-Ligi Dwar L-Istampa, (Kap. 248);

3. Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata t-22 ta’ Jannar tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Il-privilegg kwalifikat ai termini tal-artikolu 12A tal-Att dwar l-Istampa (Kap. 248);

2. Illi r-rapport in kwistjoni ma kienx libelluz fil-konfront ta’ l-attur;

3. Illi l-eccipjenti kien qed jezercita d-dritt u d-dover tal-gurnalizmu fis-socjetajiet demokratici li jirraporta diskorsi u statements ta’ personaggi pubblici dwar kwistjonijiet ta’ interess pubbliku;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ezaminat in-noti ta’ osservazzjonijiet sottomessi mir-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Semghet ukoll it-trattazzjoni orali ta’ l-istess rapprezentanti legali;

Ikkunsidrat:

Illi sodisfatt is-suespost din il-qorti ghaddiet biex tikkonkludi din il-vertenza sommarjament ai termini ta’ l-artikolu 28(1) tal-Kap. 248 u l-artikoli 47, 171 u 215 tal-Kap 12;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-attur hassu malafamat u ngurjat b’diskors li ntqal fil-bulletin ta’ l-ahbarijiet tas-sitta neqsin kwart ta’ filghaxija trasmess fuq radju “Super One” tad-9 ta’ Dicembru tas-sena 2002;

2. Illi in sintesi l-attur hassu hekk malafamat u ngurjat ghas-segwenti ragunijiet:

a. Illi intqal li l-attur jinnegozja l-art tal-gvern;

b. Illi l-attur iffranka flus lill-konsorzju responsabbli mill-progett ta’ Manoel Island;

c. Illi l-attur gie allegat li ftiehem mal-konsorzju de quo biex mill-flus minnhom dovuti lill-gvern Malti jinghatalhom skont qawwi ta’ disghin elf Lira Maltin (LM90,000.00,0) jekk ihallsu sa l-ahhar tas-sena 2002;

d. Illi din l-operazzjoni giet deskritta fl-istess bulletin bhala wahda li “…tinten, tinten hafna”;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur huwa ufficjal pubbliku impjegat fil-Ministeru ghar-Rizorsi u Infrastruttura inkarigat mill-progetti kapitali, fosthom dak ta’ Manoel Island;

Illi jirrizulta li l-konsorzju fuq indikat kellu jhallas ammont konsiderevoli ta’ flus lill-Gvern ta’ Malta liema ammont pero’ ma thallasx fil-hin ghaliex minn naha tieghu l-gvern

kellu jhallas penali lill-istess konsorzju stante li l-gvern ma ivvakax proprjeta' li ghandu f'Manoel Island fil-hin pattwit u ghalhekk il-gvern ukoll inkorra l-penalitajiet minnu stess mifthema;

Illi stante li konsegwentement il-konsorzju u l-gvern kellhom jaghtu lil xulxin somom konsiderevoli ta' flus intlahaq ftehim ta' tpacija liema ftehim kien regolarment inkarigat minnu l-attur wara li nghata struzzjonijiet appoziti ghal dan il-ghan mid-dipartimenti u ministeri kkoncernati;

Illi jirrizulta li l-attur kien biss qed jagixxi fuq struzzjonijiet appoziti lilu moghtija mis-superjuri tieghu;

Ikkunsidrat:

Illi l-attribuzzjoni tat-tikketta li minn fuq li l-attur kien qed jespleta l-inkarigu tieghu bi trasparenza u taht l-iskrutinju kostanti ta' diversi ministeri u dipartimenti dan kien qed jinnegozja artijet pubblici hi ekwiparabbli ghall-malafama serja li tippretendi rimedju immedjat;

Illi pero' li hu verament preokkupanti ghal din il-qorti, liema preokkupazzjoni izda tidher ma kienetx kondiviza minn min hu responsabbli mill-istess, hu l-fatt kif l-istess gvern ghal xi raguni mhux maghrufa naqas li jottempera ruhu mal-kondizzjonjiet liberament stipulati minnhu biex johrog minn xi immobbli f'Manoel Island u li fin-nuqqas jirrikorri penali sostanzjali;

Illi tali nuqqas mhux biss dahhal lill-gvern fi spejjez konsiderevoli inutili, izda rreka danni irreparabbli lic-cittadin onest li jhallas it-taxxi regolarment;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta li l-operat ta' l-attur kien dejjem trasparenti u taht il-kontroll ta' diversi superjuri tieghu;

Ikkunsidrat:

Illi ghandu f'dan l-istadju issa jinghad li ghalkemm il-konvenut qed jipprova jsib is-soljev ta' l-artikolu 33 tal-Kap 248 pero' dan huwa inutili stante li r-rapportagg tal-bulletin ta' l-ahbarijiet de quo jirrizulta li mhux limitat ghall-rapportagg in bona fede ta' dibattitu partikolari tal-Kamra tad-Deputati ai termini ta' dan l-istess artikolu;

Illi dan ir-rappurtagg imur lil hemm mill-limiti indikati fl-imsemmi artikolu billi jinkludi argumentazzjoni li straripat l-limiti ta' l-istess artikolu u konsegwentement wiehed irid jiffaccja l-konsegwenzi ta' l-istess licenzja zejda;

Ghaldaqstant din il-qorti taqta' u tiddeciedi li hi sodisfatta li l-allegazzjonijiet u insinwazzjonijiet kontenuti fil-bullettin ta' l-ahbarijiet de quo huma malafamanti fil-konfront ta' l-attur u li allura l-attur ipprova l-kaz tieghu skond il-ligi fil-konfront tal-konvenut;

Illi konsegwentement:

1. Tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut;

2. Tilqa' t-talbiet attrici;

3. Tiddikjara li l-bulletin ta' l-ahbarijiet tas-sitta neqsin kwart ta' radju "Super One" tad-9 ta' Dicembru tas-sena 2002 mertu tal-procedura odjerna huwa malafamanti fil-konfront ta' l-attur billi jtellef u jnaqqas ir-reputazzjoni tieghu stante li jesponieh ghad-disprezz tal-pubbliku, u dan ai termini ta' l-artikolu 28 tal-Kap 248;

4. Taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet Vincent Borg vs Victor Camilleri et datata l-15 ta' Novembru ta' l-1994 riferibbilment ghal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni ta' danni f'kazijiet hawn kontemplati in kontropposizzjoni ma' dawk ikkontemplati fil-Kodici Civili;

5. Illi in vista tal-premess din il-qorti qed tissottolinea s-segwenti bil-ghan li d-diskrezzjoni illimitata u soggettiva lilha moghtija mil-Ligi ta' l-Istampa tkun sottoposta ghall-kriterji oggettivament riskontrabbli biex

b'hekk il-gustizzja li din il-qorti trid tirripristina ma tkunx ibbazata fuq kriterji purament soggettivi, personali u inskrutinabbili;

a. Illi l-allegazzjonijiet kontenuti fil-bulletin in dizamina ma jirrizultawx li huma minnhom;

b. Illi fl-operat tieghu l-attur kellu l-mandat regolari;

c. Illi l-attur opera fi trasparenza u taht l-iskrutinju tas-superjuri tieghu;

d. Illi l-problematika indikata mill-konvenut issib ir-risoluzzjoni taghha x'imkien iehor izda mhux fl-operat ta' l-attur li m'ghandux jigi uzat bhala eska;

e. Tikkundanna lill-konvenut Gino Cauchi biex ihallas lill-attur Dr. Albert Caruana l-ammont ta' sitt mitt Lira Maltin, (LM600.00,0), bl-ispejjez."

Minn din is-sentenza appella l-konvenut bl-aggravju generiku illi l-ewwel Qorti naqset li titratta diversi kwestjonijiet legali involuti. In partikolari l-appellant jaghmel rikjam ghal dawn:-

(a) id-dritt fondamentali tal-liberta` tal-espressjoni;

(b) l-informazzjoni moghtija kienet dwar materja ta' nteress pubbliku in kwantu kienet tikkoncerna kritika politika u amministrattiva tal-Opposizzjoni fil-konfront tal-Gvern u ta' ufficjal pubbliku;

(c) ir-rapportagg kellu jitqies wiehed privileggjat a norma tal-Artikolu 33(c) ta' l-Att dwar l-Istampa, u ankorke` dan ma kienx hekk il-kaz, kellu jitqies sussidjarjament bhala privilegg kwalifikat a tenur ta' l-Artikolu 12A tal-ligi.

(d) ir-rapport ma kienx libelluz billi kien jikkonsisti minn fatti sostanzjalment veri u minn apprezzament dwar l-istess fatti;

(e) f'kull kaz, ma saretx il-prova tal-"animus injurandi".

L-attur wiegeb in succint illi l-konvenut appellant ma kellux ragun jinvoka l-privilegg skond id-disposizzjonijiet tal-ligi (Kap 248). Dippju, l-konvenut wettaq abbuz tal-liberta` tal-espressjoni billi t-taghrif pubblikat kien skorrett u allura dan iwassal ghal konkluzjoni illi hu gie libellat.

Huwa pacifikament accettat fil-qasam tad-drittijiet tal-persuna illi l-principju regolatur, s'intendi fost drittijiet ohra, hu dak tad-dritt ghall-harsien tar-reputazzjoni personali. Reputazzjoni din tutelata kemm Kostituzzjonalment (Art 41(2)(ii) kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropea (Art 10 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap 319) li expressis jaghmlu referenza ghall-harsien tar-"reputazzjonijiet, drittijiet u libertajiet ta' persuni ohra". Drittijiet dawn li wiehed ghandu ragonevolment jassumi li huma dawk tal-persuna umana fl-aspetti integrattivi taghhom fir-realtajiet socjali; ad exemplum, id-dritt tal-imaggini, tal-isem u tal-prestigju.

Naturalment dawn id-drittijiet individwali jridu jigu mizurati mad-dritt daqstant iehor fundamentali tal-manifestazzjoni libera tal-espressjoni, hekk ukoll garantita mil-ligijiet u minn normi fuq imsemmija.

Fl-ezami ta' dawn id-drittijiet l-interpretu ghandu jtendi biex izomm bilancjament xieraq bejn l-interess individwali ghar-reputazzjoni u l-interess ghal manifestazzjoni hielsa tal-hsieb. Dan l-istess bilancjament jikkostitwixxi difatti dibattitu vivaci fil-gurisprudenza, kemm dik lokali kemm dik estera li ghaliha l-istess appellant jirrikorri bhala tema ispiratrici tal-aggravju tieghu. Gurisprudenza li, kif a propozitu gie osservat, tapprofondixxi "il-bilanc li kellu jkun hemm bejn l-interess tal-individwu li jipprotegi r-reputazzjoni professjonali u l-integrita` tal-karattru tieghu, u l-interess pubbliku li jkun informat fuq materji li legittimament kienu jolqtu d-divulgazzjoni ta' informazzjoni dwar materji gravi li jikkoncernaw l-opinjoni pubblika" – "**Perit Duminku Mintoff -vs- Dr. Joe Brincat et**", Qorti Kostituzzjonali, 8 ta' Jannar 2001.

Dan l-aspett taz-zamma tal-proporzjonalita`, hu kombacjat mal-aspett l-iehor, ukoll zviluppat fil-gurisprudenza, illi “l-espressjoni demokaratika tinhtieg li tinghata l-aktar spazju possibbli fil-konfront ta’ l-operat ta’ figuri pubblici li kellhom ikunu soggetti ghall-iskrutinju ta’ stampa hielsa, anke jekk dan ikun a skapitu ta’ skonfort u nkonvenjenza ghal dawn il-persuni li lejhom tkun immirata” (“**Joseph Mifsud -vs- Daphne Caruana Galizia**”, Appell, 27 ta’ April 2001; “**Onor Philip Muscat -vs- Victor Camilleri noe**”, Appell Civili 19 ta’ Mejju 1995). Kif rilevat, “fil-konfront taghhom hafna issa hu iktar tollerat minn qabel in omagg tal-principju illi d-dibattitu politiku fuq materji ta’ interess kellu jinghata spazju mill-aktar wiesa’ anke jekk a skapitu ta’ nkonvenjenza anke gravi lill-persuni pubblici nvoluti b’konsegwenza ta’ kritika harxa, wkoll kultant ingusta” (**Dr. Alfred Sant -vs- Arnold Cassola et**”, Appell, 23 ta’ April 2001).

Dan premess, jidher li l-kriterji l-aktar segwiti ghall-iskop tar-rapprezentazzjoni tad-drittijiet involuti fil-materja hawn ezaminata u tad-determinazzjoni tal-fatt denunzjat mill-attur lli hassu aggravat bix-xandira huma, inter alia,

(a) ir-rikostruzzjoni storika tal-fatti li f’dan il-kaz tinsab sew esposta fis-sentenza appellata u mhux il-kaz allura li terga’ tigi replikata;

(b) il-valutazzjoni tal-kontenut tal-pubblikazzjoni ossija x-xandira, kompriz allura f’din l-istess valutazzjoni l-accertament fil-konkret ta’ xi attitudini offensiva tal-espressjonijiet u tal-kliem uzat fl-ezercizzju tad-dritt tal-kritika.

(c) l-ezistenza ta’ xi ezimenti mir-responsabilita` civili ghad-danni.

Hija regola dottrinali tal-materja agitata, konfermata wkoll mill-gurisprudenza, illi d-divulgazzjoni ta’ ahbar permezz ta’ stampat jew pubblikazzjoni hi konsiderata bhala ezercizzju lecitu tad-dritt tal-kronaka. Dan l-ezercizzju pero` jibqa’ hekk lecitu sakemm jikkorrispondu u jikkonvergu fih dawn l-osservanzi principali:

(a) il-verita` tal-fatti esposti rizultanti minn ricerka serja, diligenti u kompleta;

(b) ir-rakkont irid ikun necessarju ghas-sodisfacentement tal-interess pubbliku li jkun mgharraf b'fatti determinati ta' rilevanza politika jew socjali;

(c) il-kritika trid tkun mizmuma f'termini korretti u mizurati b'mod li ma titraxxendiex f'aggressjoni personali jew invettiva.

Dan precizat, jidher mid-deposizzjoni tal-istess appellant (fol 47) li x-xandira kontestata mill-attur f'dan il-kaz tista' tigi suddiviza f'zewg aspetti: (a) rapportagg ta' dak li ntqal mill-Onor. Perit Charles Buhagiar fis-seduta Parlamentari tad-9 ta' Dicembru 2002; (b) rapportagg tal-intervista ma' l-istess deputat Parlamentari rakkolta wara s-seduta fil-Kamra tal-Opposizzjoni gewwa l-edificju tal-Parlament.

Fir-rigward, il-kazistika Taljana fuq dawn iz-zewg aspetti ssegwi dan il-binarju:-

(1) "Costituisce legittima espressione del diritto di cronaca, quale esimente della responsabilita` civile per danni, la pubblicazione di un'interrogazione parlamentare del contenuto oggettivamente diffamatorio sempre che (e solo che) corrisponde al vero la riproduzione (integrale o per riassunto) del testo dell'interrogazione medesima, essendo priva di rilievo, per converso, l'eventuale falsita` del suo contenuto, che il giornalista non ha il dovere di verificare, pur essendo l'obbligo di riprodurlo in forma impersonale ed oggettiva, quale semplice testimone, senza dimostrare, cioe`, con commento o altro, di aderire comunque al suo contenuto diffamatorio ed abbandonare, cosi`, la necessaria posizione di narratore ascettico ed imparziale del fatto – interogazione (poiche in una tale evenienza, invece, egli dovra` provare, per andare esente da responsabilita`, e secondo la regola generale che presiede all'esercizio del diritto di cronaca, la verita` intrinseca del fatto riferito, l'interesse pubblico alla sua

conoscenza e la correttezza formale dell'esposizione) – "**Cassazione, 19 ta' Dicembru 2001, Numru 15999**);

(2) "In tema di diffamazione a mezzo stampa, la condotta del giornalista che, pubblicando il testo di un intervista, riporti dichiarazioni, del soggetto intervistato oggettivamente lesive dell'altrui reputazione, non puo` dirsi illecita qualora il fatto in se` dell'intervista, in relazione alla qualita` dei soggetti coinvolti, alla materia in discussione ed al piu` generale contesto in cui la dichiarazioni sono state rese, presenti indiscutibili profili di interesse pubblico all'informazione, tali da prevalere sulla posizione soggettiva del singolo, e tali da giustificare, per l'effetto, l'esercizio del diritto di cronaca" (**Cassazione, 25 ta' Frar 2002, Numru 2733**).

Affermati dawn l-osservazzjonijiet li joffru certament spunti ta' interess, jibda biex jigi osservat illi l-appellant jiddefendi ruhu fuq id-dispost ta' l-Artikolu 33(c) tal-Kap 248 li titratta minn ezenzjoni tar-responsabilita` fil-kaz ta' pubblikazzjoni privileggjata. Din il-protezzjoni, statutorjament akkordata, hi soggetta ghal kwalifika kontenuta fl-istess subinciz (c), jigifieri, "kemm il-darba tkun pubblikata l-parti rilevanti tad-dibattiment, u ma tigix maqbuza jew b'hazen jew bi trskuragni mbiddla jew imqassra d-difiza tal-persuna li tkun giet attakkata".

Jinghad qabel xejn illi din ix-xorta ta' privilegg assolut ma huwiex estendibbli ghall-pubblikazzjoni ta' dibattitu Parlamentari f'gurnali izda biss fir-rigward tal-pubblikazzjonijiet ufficcjali tal-Kamra tad-Deputati. Dan donnu hu konxju minnu l-istess appellant tant li ssottometta wkoll illi anke jekk ma kienx applikabbli dan ix-xorta ta' privilegg, il-Qorti kellha tikkonsidrah bhala privilegg kwalifikat.

Fl-ispjega li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, per Imhallef Joseph Said Pullicino, fid-decizjoni taghha tal-4 ta' Marzu 1991 fil-kawza fl-ismijiet "**Eugenio Cassar –vs- Felix Agius**", u fejn ukoll insorgiet difiza konsimili, nsibu, wara esposizzjoni tal-principju, din ir-riflessjoni:-

"Sakemm ir-rapport ikun "fair and accurate" wiehed ma jistax jaddebita malafede lill-editur.  L-istess in-nuqqas ta' pubblikazzjoni ta' parti rilevanti tad-dibattitu jista' jwassal ghall-konkluzjoni li r-rapport ma kienx fair and accurate, imma l-editur ma ghandu l-ebda obbligu li jipprokura bilanc jew li jippubblika gustifikazzjonijiet jew risposta ghall-allegata ingurja, aliunde jekk dan ma jirrizultax mid-dibattitu innifsu.  Fuq kollox, u dan hu forsi l-aktar rilevanti ghall-kaz in ezami, meta l-ligi titkellem dwar li jrid jigi assigurat li ma tigix maqbuza jew b'hazen jew bi traskuragni, imbiddla jew imqassra d-difiza tal-persuna li tkun qed tigi attakkata, il-ligi qed titkellem biss fil-konfront tad-dibattitu parlamentari li qed jigi rrapurtat.  Dan ifisser li l-privilegg kwalifikat jista' jintilef u l-editur u l-istampatur jesponu ruhhom ghall-azzjoni civili jew kriminali, fil-kaz fejn b'malizzja jew traskuragni jonqsu milli jirraportaw xi parti mid-dibattitu fejn il-persuna attakkata jew ingurjata tkun giet b'xi mod difiza u dana jew minn min ikun qed jaghmel l-akkuza, jew minn haddiehor fil-Kamra.  Dan in-nuqqas ovvjament jikkreja zbilanc, bi pregudizzju ghal persuna li tkun giet attakkata u ingurjata, u hu ghalhekk azzjonabbli."

Issa kemm l-appellat kif ukoll l-ewwel Qorti jikkontendu li r-rapportagg ma kienx "bona fide".  Huma prezumibilment jakkampaw din il-kontenzjoni taghhom fuq dik il-parti tax-xhieda ta' l-Onor. Dr. Francis Zammit Dimech (fol 16) fejn iddepona illi mill-parti tat-transcript li kien raha ma kien hemm l-ebda referenza ghal dak spjegat minnu fil-Parlament dwar il-kaz.

Din il-Qorti la kellha ghad-disposizzjoni taghha u ghall-fini tal-konfront dan it-transcript li x-xhud jghid li ezamina u lanqas kopja tad-dibattitu Parlamentari billi dawn ma gewx esebiti.  Tinnota pero` illi skond ma jsostni l-appellanti fix-xhieda tieghu (fol 47), l-imsemmi xhud kien qajjem kaz ta' ksur ta' privilegg fuq l-allegazzjoni li x-xandira ma kienetx tirrifletti fedelment dak li ntqal fil-Parlament.  Dejjem skond ma ssokta jigi precizat, fir-ruling tieghu l-Ispeaker ma laqax dan l-ilment.  Din id-dikjarazzjoni tal-appellant ma tirrizultax mill-atti li giet zmentita.

Fil-fehma tal-Qorti dan hu punt vitali li kellu jircievi attenzjoni xierqa kemm mill-attur kif ukoll mill-ewwel Qorti li ma kellhiex ghad-disposizzjoni taghha, bhal ma hekk certament kellu l-Ispeaker tal-Kamra, l-kontenut ta' dak li ntqal fil-Parlament biex taghmel raffront oggettiv u, fil-konkret, taccerta ruhha jekk ir-rapportagg kienx verament 'bona fidi' o meno. F'dan il-kuntest u taht dan il-profil din il-Qorti allura ma tistax taqbel mal-motivazzjoni asserita mill-ewwel Qorti.

Rigwardata l-materja fil-perspettiva tal-intervista jirrizulta bhala stat ta' fatt, skond ix-xhud il-Perit Charles Buhagiar (fol 56) illi t-transcript tax-xandira esebit a fol 51 u 52 (korrispondenti ghal dik esebita mill-attur ukoll a fol 2) kienet tirrifletti, oltre estratti minn diskorsu fil-Parlament, il-kummenti tieghu fuq il-materja. Mir-rizultanzi processwali ma jirrizulta minn imkien illi dak imxandar kien jikkontjeni valutazzjonijiet proprji tal-konvenut appellant. Dan kien semplici xhud ta' dak li ntqal u xejn izjed, u allura in tema ghal bixriet ta' hsieb fis-sentenzi fuq accennati ma kienx jinkombi fuqu li jivverifika u jindaga dwar il-verita` ta' l-allegazzjoni maghmula mid-deputat imsemmi. Huwa serva biss ta' mezz biex jingieb a konjizzjoni tal-pubbliku dak li nghad minn dan id-deputat fl-intervista gewwa l-konfini tal-Parlament u biex jirraporta d-dibattitu fil-Parlament. Fil-qadi tad-doveri tieghu u fil-kuntest in diskussjoni kien obbligu tal-konvenut, qua editur tar-radio Super One, li jipprovdi servizz ta' ahbarijiet dwar dak li jkun qed jigri fil-hajja pubblika tal-pajjiz. Ara fl-istess sens is-sentenza fl-ismijiet "**Dottor Austin Gatt noe -vs- Onor. Tony Nicholl et**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999.

Raggunta din il-konkluzjoni anke fl-ghajnuna tal-kazistika lokali u estera in materja din il-Qorti tara li tezisti raguni valida biex tiddissenti mill-konkluzjoni raggunta mill-Qorti inferjuri.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell interpost, thassar is-sentenza appellata u b'hekk tichad it-talba attrici. Fic-cirkostanzi specjali ta' dan il-kaz l-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet. Dawk tal-ewwel Qorti jibqghu kif decizi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------